# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 490/2013

## tas-27 ta' Mejju 2013

## li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u mill-Indoneżja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ('ir-Regolament bażiku'), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. PROĊEDURA

### 1. Bidu

(1) Nhar id-29 ta' Awwissu 2012, il-Kummissjoni Ewropea ('il-Kummissjoni') ħabbret, permezz ta' notifika ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2] ('notifika ta' bidu'), il-bidu ta' proċediment anti-dumping firrigward tal-importazzjonijiet ta' bijodiżil fl-Unjoni li joriġinaw mill-Arġentina u mill-Indoneżja ('il-pajjiżi kkonċernati').

(2) L-investigazzjoni nfetħet wara lment imressaq fis-17 ta' Lulju 2012 mill-European Biodiesel Board ('l-ilmentatur') f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw iktar minn 60% talproduzzjoni totali tal-bijodiżil tal-Unjoni. L-ilment kien fih evidenza prima facie ta' dumping tal-prodott imsemmi u tal-ħsara materjali li tirriżulta minnu, li tqieset biżżejjed biex tkun iġġustifikata t-tnedija tal-investigazzjoni.

(3) Fit-30 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni għamlet importazzjonijiet tal-istess prodott li joriġina fil-pajjiżi kkonċernati soġġetti għal reġistrazzjoni skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 79/2013 tat-28 ta' Jannar 2013 [3].

(4) Nhar l-10 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' notifika ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [4], il-bidu ta' proċediment kontra s-sussidji li jirrigwarda l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' bijodiżil li joriġina mill-Arġentina u mill-Indoneżja, u bdiet investigazzjoni separata.

### 2. Il-perjodu ta' investigazzjoni

(5) L-investigazzjoni tad-dumping u l-ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Ġunju 2012 ('il-perjodu ta' investigazzjoni' jew 'PI'). L-eżami tax-xejriet relevanti għall-evalwazzjoni tal-ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-aħħar tal-PI ('il-perjodu kkunsidrat').

### 3. Il-partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni

(6) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-ilmentatur, lil produtturi magħrufa oħra tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa fl-Arġentina u fl-Indoneżja, lill-importaturi magħrufa, lil fornituri, distributuri, utenti u assoċjazzjonijiet ikkonċernati magħrufa, u lill-awtoritajiet tal-Arġentina u tal-Indoneżja bil-bidu tal-investigazzjoni. In-notifika ta' bidu stiednet lill-partijiet kollha kkonċernati mill-investigazzjoni biex jikkuntattjaw lill-Kummissjoni u jippreżentaw ruħhom.

(7) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fin-notifika ta' bidu.

(8) L-ilmentatur, il-produtturi esportaturi fl-Arġentina u fl-Indoneżja, l-importaturi u l-awtoritajiet tal-Arġentina u tal-Indoneżja ressqu l-fehmiet tagħhom. Il-partijiet kollha interessati li talbu dan u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta.

#### 3.1. *Kampjunar*

(9) Minħabba l-għadd kbir ta' produtturi esportaturi fl-Arġentina u fl-Indoneżja, importaturi mhux relatati fl-Unjoni u produtturi tal-Unjoni involuti fl-investigazzjoni, u biex l-investigazzjoni titlesta fil-limiti ta' żmien statutorji, il-Kummissjoni ħabbret fin-notifika ta' bidu li għandha mnejn tillimita għal numru raġonevoli l-għadd ta' produtturi esportaturi fl-Arġentina u fl-Indoneżja, l-importaturi mhux relatati u l-produtturi tal-Unjoni li kellhom jiġu investigati billi tagħżel kampjun skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku (dan il-proċess jissejjaħ ukoll 'kampjunar').

#### 3.2. *Kampjunar ta' produtturi esportaturi fl-Arġentina*

(10) Biex jippermettu lill-Kummissjoni tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk dan ikun il-każ, tagħżel kampjun, il-produtturi esportaturi kollha fl-Arġentina ntalbu jippreżentaw ruħhom lill-Kummissjoni u jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-notifika ta' bidu.

(11) Għaxar produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi esportaturi pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. Madankollu, żewġ kumpaniji rrappurtaw li ma kien hemm l-ebda esportazzjoni lejn l-Unjoni (jew l-ebda produzzjoni) matul il-PI.

(12) It-tmien (gruppi ta') produtturi esportaturi li kien fadal kienu jammontaw għall-volum sħiħ esportat lejn l-Unjoni matul il-PI.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU C 260, 29.8.2012, p. 8.
[3] ĠU L 27, 29.1.2013, p. 10.
[4] ĠU C 342, 10.11.2012, p. 12.

(13) Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tliet produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi esportaturi bbażat fuq l-ikbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni, li seta' jkun investigat b'mod raġonevoli fil-ħin disponibbli. Il-kampjun magħżul kien jammonta għal 86% tal-volum totali tal-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-PI kif irrappurtat mit-tmien produtturi esportaturi msemmija hawn fuq fil-premessa (12).

(14) Skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kollha, kif ukoll l-assoċjazzjoni tal-produtturi Arġentini u l-awtoritajiet tal-Arġentina, kienu kkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun u ma qajmu l-ebda oġġezzjoni.

3.3. *Analiżi individwali*

(15) L-ebda kumpanija Arġentina li ma kinitx inkluża fil-kampjun ma talbet analiżi individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku.

3.4. *Kampjunar ta' produtturi esportaturi fl-Indoneżja*

(16) Biex jippermettu lill-Kummissjoni tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk dan ikun il-każ, tagħżel kampjun, il-produtturi esportaturi kollha fl-Indoneżja ntalbu jippreżentaw ruħhom lill-Kummissjoni u jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-notifika ta' bidu.

(17) Tmien produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi esportaturi pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. Madankollu, tliet kumpaniji rrappurtaw li ma kien hemm ebda esportazzjonijiet lejn l-Unjoni waqt il-PI.

(18) Il-ħames (gruppi ta') produtturi esportaturi li kien fadal kienu jammontaw għall-volum shih esportat lejn l-Unjoni matul il-PI.

(19) Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' erba' produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi esportaturi bbażat fuq l-ikbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni, li seta' jkun investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Il-kampjun magħżul kien jammonta għal 99% tal-volum totali tal-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-PI kif irrappurtat mill-ħames produtturi esportaturi msemmija fil-premessa hawn fuq (18).

(20) Skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kollha, kif ukoll l-awtoritajiet Indoneżjani, kienu kkonsultati u ma qajmu l-ebda oġġezzjoni.

3.5. *Analiżi individwali*

(21) L-ebda kumpanija Indoneżjana li ma kinitx inkluża fil-kampjun ma talbet analiżi individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku.

3.6. *Kampjunar ta' importaturi indipendenti*

(22) Biex jippermettu lill-Kummissjoni tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk dan ikun il-każ, tagħżel kampjun, l-importaturi kollha indipendenti ntalbu jippreżentaw ruħhom lill-Kummissjoni u jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-notifika ta' bidu. Madankollu l-ebda importatur ma kkoopera f'din l-investigazzjoni.

3.7. *Kampjunar ta' produtturi tal-Unjoni*

(23) Il-Kummissjoni ħabbret fin-notifika ta' bidu li b'mod proviżorju kienet għażlet kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Dan il-kampjun kien jikkonsisti fi tmien produtturi tal-Unjoni li qabel ma nbdiet l-investigazzjoni kienu magħrufa mal-Kummissjoni li jipproduċu l-bijodiżil. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-volum tal-produzzjoni, il-volum tal-bejgħ u l-qagħda ġeografika. Il-produtturi tal-Unjoni magħżula għall-kampjun kienu jirrappreżentaw 27% tal-produzzjoni tal-Unjoni.

(24) Fin-notifika ta' bidu, il-partijiet interessati kienu mistiedna wkoll iressqu l-fehmiet tagħhom dwar il-kampjun proviżorju. Wara l-pubblikazzjoni tal-kampjun propost, tnejn mill-kumpaniji li kellhom ikunu parti mill-kampjun irtiraw il-kooperazzjoni tagħhom u posthom ittieħed minn żewġ kumpaniji oħra. L-industrija tal-Unjoni kkummentat ukoll li minħabba l-għadd kbir ta' produtturi SME tal-bijodiżil, tal-anqas SME wieħed kellu jiġi inkluż fil-kampjun. Din it-talba ntlaqgħet.

(25) Il-kampjun huwa meqjus rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

3.8. *It-tweġibiet tal-kwestjonarju*

(26) Intbagħtu kwestjonarji lit-tliet produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi fl-Arġentina fil-kampjun, lill-erba' produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi fl-Indoneżja fil-kampjun, u lit-tmien produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(27) Ir-risposti għall-kwestjonarju ġew riċevuti mingħand is-seba' produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi fl-Arġentina u fl-Indoneżja fil-kampjun, it-tmien produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u tliet utenti.

3.9. *Żjarat ta' verifika*

(28) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li tqieset neċessarja għal determinazzjoni proviżorja tad-dumping, il-ħsara li tirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Saru żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) **Produtturi li jinsabu fl-Unjoni**

— Bio-Oils Huelva S.L., Huelva, Spanja

— Biocom Energia S.L., Valencia, Spanja

— Diester Industrie S.A.S., Pariġi, Franza

— Elin Biofuels S.A., Kifissia, Il-Greċja

— Novaol S.R.L., Milan, L-Italja

— Perstorp BioProducts A.B., Stenungsund, L-Isvezja

— Preol A.S., Lovosice, Ir-Repubblika Ċeka

— VERBIO Vereinigte BioEnergie A.G., Leipzig, Il-Ġermanja

(b) **Produtturi esportaturi fl-Arġentina**

— Louis Dreyfus Commodities S.A., Buenos Aires ('LDC');

— grupp ta' kumpaniji relatati "Renova":

  — Molinos Río de la Plata S.A., Buenos Aires ('Molinos');

  — Oleaginosa Moreno Hermanos S.A.F.I.C.I., Bahia Blanca ('Oleaginosa');

  — Renova S.A., Bahia Blanca ('Renova');

  — Vicentin S.A.I.C., Avellaneda ('Vicentin');

— grupp ta' kumpaniji relatati "T6":

  — Aceitera General Deheza S.A., General Deheza, Rosario ('AGD');

  — Bunge Argentina S.A., Buenos Aires ('Bunge');

  — T6 Industrial S.A., Puerto General San Martín, Santa Fe ('T6').

(c) **Kummerċjanti minn barra l-UE relatati ma' produtturi esportaturi fl-Arġentina**

— Molinos Overseas, Montevideo, l-Urugwaj ('Molinos Overseas');

— Louis Dreyfus Commodities Suisse, Ġinevra, l-Isvizzera ('LDC Suisse');

(d) **Produtturi esportaturi fl-Indoneżja**

— PT. Ciliandra Perkasa, Ġakarta, l-Indoneżja ('CPL')

— PT. Musim Mas, Medan, l-Indoneżja ('PTMM')

— PT. Pelita Agung Agrindustri, Medan, l-Indoneżja ('PAA')

— grupp ta' kumpaniji relatati('Wilmar'), PT. Wilmar Bioenergi Indonesia, PT. Wilmar Nabati Indonesia;

  — PT. Wilmar Bioenergi Indonesia, Medan, l-Indoneżja ('WBI')

  — PT. Wilmar Nabati Indonesia, Medan, l-Indoneżja ('WINA')

(e) **Kummerċjanti minn barra l-UE relatati ma' produtturi esportaturi fl-Indoneżja**

— First Resources Limited, Suntex Tower Three, Singapor ('FRL')

— IM Biofuel Pte Ltd, Gateway West, Singapor ('IMBS')

— Inter-continental Oils and Fats Pte Ltd, Gateway West, Singapor ('ICOF')

— Virgen Oils & Fats Pte Ltd, Marina Bay Financial Centre, Singapor ('VOF')

— Wilmar Trading Pte Ltd, Neil road, Singapor

(f) **Importaturi fl-Unjoni relatati ma' esportaturi Arġentini u Indoneżjani:**

— Campa Iberia S.A.U., Tarragona, Spanja ('CAMPA')

— IM Biofuel Italy S.R.L., Milan, L-Italja ('IMBI')

— Louis Dreyfus Commodities España S.A., Madrid, Spanja ('LDC Spain');

— Losur Overseas S.A., Madrid, Spanja ('Losur');

— Wilmar Europe Trading B.V., Barendrecht, Il-Pajjiżi l-Baxxi ('WET BV') [1]

B. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

1. **Il-prodott ikkonċernat**

(29) Il-prodott ikkonċernat hu magħmul minn esteri monoalkiliċi ta' aċidi xaħmin u/jew minn żejt tal-gass paraffiniku, li jinkisbu minn sinteżi u/jew minn trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili, f'forma pura jew f'taħlita, li joriġinaw mill-Arġentina u mill-Indoneżja, li attwalment jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 1516 20 98, ex 1518 00 91, ex 1518 00 95, ex 1518 00 99, ex 2710 19 43, ex 2710 19 46, ex 2710 19 47, 2710 20 11, 2710 20 15, 2710 20 17, ex 3824 90 97, 3826 00 10 u ex 3826 00 90 ('il-prodott ikkonċernat', b'mod komuni msejjaħ 'bijodiżil').

(30) L-investigazzjoni wriet li l-bijodiżil prodott fl-Arġentina huwa esklussivament "ester metiliku tas-sojja" (SME) li jkun ġej miż-żejt tal-fażola tas-sojja, u li l-bijodiżil prodott fl-Indoneżja huwa esklussivament "ester metiliku tal-palm" (PME) li jkun ġej miż-żejt tal-palm, waqt li l-bijodiżil prodott fl-Unjoni huwa prinċipalment "ester metiliku tal-kolza" (RME), imma li jinkiseb ukoll minn materja prima oħra, li tinkludi żjut użati u żjut verġni.

(31) L-SME, il-PME u l-RME kollha jagħmlu parti mill-kategorija tal-esteri metiliċi ta' aċidi xaħmin (FAME). It-terminu "ester" jirreferi għat-transesterifikazzjoni taż-żjut veġetali, jiġifieri, it-taħlit taż-żejt mal-alkoħol, li jiġġenera l-bijodiżil u, bħala prodott sekondarju, il-gliċerina. It-terminu "metil" jirreferi għall-metanol, l-iżjed alkoħol komunement użat fil-proċess.

[1] Fl-istabbiliment ta' WET BV, kienu vverifikati wkoll il-kontijiet tal-kumpaniji l-oħra tal-grupp Wilmar li jinsabu fl-Ewropa: Wilmar Italia SrL, Milan, L-Italja; Oxem Oleo, Mezzana Bigli, L-Italja

(32) Il-bijodiżils SME u PME jistgħu jintużaw fil-forom puri tagħhom imma ġeneralment jitħalltu, jew bejniethom stess jew mal-RME, qabel jintużaw fl-Unjoni Ewropea. Ir-raġuni għat-taħlit tal-SME mal-PME hija li l-SME fil-forma pura tiegħu ma jilħaqx l-istandard Ewropew EN 14214 fir-rigward tan-numri tal-jodju u taċ-ċetan. Ir-raġuni għat-taħlit tal-PME (u l-SME) mal-RME hija li l-PME u l-SME għandhom il-punt limitu tal-filtrabbiltà fil-ksieħ (CFPP) ogħla minn tal-RME u għalhekk mhumiex adattati biex jintużaw fil-forma pura tagħhom matul ix-xhur xitwin fir-reġjuni kesħin tal-Unjoni Ewropea.

(33) It-taħlitiet ta' bijodiżils u diżil minerali finalment jintużaw fis-settur tat-trasport bħala fjuwil f'magni ta' vetturi tat-triq li jaħdmu bid-diżil, bħal karozzi, trakkijiet, karozzi tal-linja, u anke ferroviji. Il-bijodiżils fil-forom puri tagħhom jew imħalltin ma' diżils minerali jistgħu jintużaw ukoll bħala fjuwil tat-tisħin f'bojlers domestiċi, kummerċjali jew industrijali u bħala fjuwil għall-ġeneraturi biex jipproduċu l-elettriku.

## 2. **Prodott simili**

(34) L-investigazzjoni wriet li l-prodott ikkonċernat, il-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku fl-Arġentina u fl-Indoneżja, u l-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni huma simili fil-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi, u fl-użi tagħhom. Għaldaqstant huma kkunsidrati proviżorjament bħala simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## 3. **Talba għall-esklużjoni tal-prodott**

(35) Produttur Indoneżjan talab li l-esteri metiliċi frazzjonati jiġu esklużi mill-prodotti koperti mill-proċediment. Id-distillazzjoni frazzjonali tissepara l-esteri metiliċi ta' aċidi xaħmin f'komponenti b'karatteristiċi kimiċi differenti għal użi finali differenti. Huma sostnew li l-esteri metiliċi frazzjonati, li l-kumpanija tipproduċi u tesporta lejn l-UE, ma kinux bijodiżil u ma jintużawx għall-fjuwil, imma għal applikazzjonijiet industrijali oħra. Huma sostnew ukoll li l-materja prima użata għal dawn l-esteri metiliċi frazzjonati kienet żejt tal-ġewż tal-Indi jew żejt tal-qalba tal-palm, u mhux żejt tal-palm mhux raffinat li jintuża biex isir il-bijodiżil fl-Indoneżja.

(36) L-esteri metiliċi frazzjonati jaqgħu fi ħdan id-deskrizzjoni tal-prodott ikkonċernat, għaliex jibqgħu esteri metiliċi ta' aċidi xaħmin u jiġu manifatturati minn materja prima li tintuża biex jiġi manifatturat il-bijodiżil. Għalkemm minnhom innifishom ma jissodisfawx l-istandard Ewropew (EN 14214) jistgħu jitħalltu ma' bijodiżils oħrajn biex tinħoloq taħlita li tissodisfa l-istandard. L-istess bħall-bijodiżil tal-ester metiliku tal-palm, li minnu nnifsu ma jissodisfax l-istandard Ewropew mingħajr ma jitħallat. Għaldaqsant dan l-argument ġie miċħud.

(37) Madankollu importatur Ewropew tal-ester metiliku ta' aċidi xaħmin ibbażat fuq iż-żejt tal-qalba tal-palm mill-Indoneżja talab li jingħata eżenzjoni mid-dazju għall-użu finali għall-importazzjonijiet tiegħu li ma kinux destinati jintużaw bħala fjuwil imma biex jiġu pproċessati f'alkoħol xaħmi mhux saturat.

(38) L-eżenzjoni mid-dazju għall-użu finali hija skema amministrata mill-amministrazzjonijiet Doganali nazzjonali li biha d-dazji mħallsa fuq l-importazzjoni huma suġġetti għal eżenzjoni fuq il-bażi tal-użu finali ċċertifikat tal-materja prima importata. Din l-iskema hija stipulata fid-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali Komunitarju. ([1])

(39) Din it-talba se tiġi indirizzata fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni wara li l-Kummissjoni tkun irċeviet kummenti mingħand il-partijiet interessati dwar jekk din it-talba speċifika għandhiex tiġi aċċettata għall-importazzjonijiet ta' ester metiliku ta' aċidi xaħmin taż-żejt tal-qalba tal-palm li ma jkunx se jintuża għall-fjuwil. Dawn il-kummenti għandhom jindirizzaw jekk din l-eżenzjoni tistax tintuża biex jiġu skartati xi dazji definittivi kemm-il darba jiġu imposti, u l-effett fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li ma jkunx se jintuża għall-fjuwil minn pajjiżi diġà soġġetti għal miżuri.

C. **DUMPING**

## 1. **L-Arġentina**

### 1.1. *Il-valur normali*

(40) Il-Kummissjoni, għal kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun, l-ewwel eżaminat jekk il-volum tal-bejgħ domestiku totali tal-prodott simili lil klijenti indipendenti fl-Arġentina kienx rappreżentattiv, jiġifieri jekk il-volum totali ta' dak il-bejgħ kienx jirrappreżenta mill-inqas 5% tal-volum totali tal-bejgħ tal-esportazzjoni tiegħu tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni waqt il-PI, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni sabet li, għal kull kumpanija jew grupp ta' kumpaniji fil-kampjun, il-volum totali ta' dak il-bejgħ kien jirrappreżenta mill-inqas 5% tal-volum totali tal-bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni waqt il-PI.

(41) Il-Kummissjoni sussegwentement identifikat għal kull kumpanija jew grupp ta' kumpaniji inkluż fil-kampjun dawk it-tipi ta' prodotti mibjugħa domestikament li kienu identiċi jew komparabbli mat-tipi mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(42) Għal kull tip ta' prodott mibjugħ minn kull kumpanija jew grupp ta' kumpaniji inkluż fil-kampjun fis-suq domestiku tagħhom u li nstab li kien identiku jew komparabbli mat-tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, ġie eżaminat jekk il-bejgħ domestiku kienx rappreżentattiv biżżejjed għall-finijiet tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott partikolari ġie meqjus rappreżentattiv biżżejjed meta l-volum totali ta' dak it-tip ta' prodott mibjugħ fis-suq domestiku lil klijenti indipendenti matul il-PI kien jirrappreżenta mill-inqas 5% tal-volum totali tat-tip ta' prodott komparabbli mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 kif emendat, b'mod partikolari mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1602/2000, Artikoli 291 sa 300

(43) Sussegwentement, għal kull kumpanija jew grupp ta' kumpaniji inkluż fil-kampjun, il-Kummissjoni evalwat jekk il-bejgħ domestiku tal-prodott simili sarx fl-andament ordinarju tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi ġie stabbilit għal kull prodott il-proporzjon ta' bejgħ bi profitt lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku matul il-PI.

(44) L-investigazzjoni wriet li s-suq Arġentin huwa rregolat ħafna mill-Istat. It-taħlit tad-diżil ta' oriġini fossili mal-bijodiżil huwa obbligatorju fl-Arġentina (7% tal-bijodiżil matul il-PI). L-ammont totali ta' bijodiżil meħtieġ biex jissodisfa dan il-kriterju tat-taħlit jinqasam, permezz ta' attribuzzjoni ta' kwoti, bejn għadd magħżul ta' produtturi Arġentini tal-bijodiżil. Il-kumpaniji taż-żejt huma obbligati jixtru l-bijodiżil mingħand dawn il-kumpaniji Arġentini li jipproduċu l-bijodiżil biex jissodisfaw il-kriterju tat-taħlit obbligatorju. Il-prezz jiġi ffissat mill-Istat u ppubblikat mill-Ministeru tal-Enerġija Arġentin. Matul il-PI, dan il-prezz ta' referenza ffissat mill-Istat kien ikkalkulat skont formula kumplessa li tqis il-kost tal-produzzjoni (materja prima, trasport u kosti oħra) u li tassigura l-kisba ta' ċertu ammont ta' profitt. Il-parametri użati biex ġie ddeterminat il-prezz ta' referenza kienu stabbiliti fuq il-bażi ta' stima tal-kosti tal-iktar produttur ineffiċjenti li jinsab fl-iktar parti remota tal-pajjiż u dan wassal għal profittabilità sinifikanti għall-produtturi Arġentini.

(45) F'dawn il-kundizzjonijiet, il-bejgħ domestiku ma ġiex ikkunsidrat li sar fl-andament ordinarju tal-kummerċ u l-valur normali tal-prodott simili kellu jiġi stabbilit b'mod proviżorju skont l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku billi mal-kosti tal-kumpanija nnifisha waqt il-perjodu ta' investigazzjoni, ġew miżjuda l-ispejjeż tal-bejgħ, flimkien ma' dawk ġenerali u amministrattivi ('SG&A'), u marġni raġonevoli ta' profitt. L-ilmentaturi ddikjaraw li s-sistema ta' taxxa differenzjali fuq l-esportazzjonijiet fl-Arġentina tbaxxi l-prezz tal-fażola tas-sojja u taż-żejt tas-sojja u għalhekk toħloq distorsjoni fil-kosti tal-produtturi tal-bijodiżil. Il-Kummissjoni għad m'għandhiex biżżejjed informazzjoni f'dan l-istadju biex tieħu deċiżjoni dwar l-aktar mod xieraq li bih tiġi indirizzata din id-dikjarazzjoni. Għalhekk, il-kwistjoni dwar jekk il-kosti jirriflettux b'mod raġonevoli l-kosti assoċjati mal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat se tkun eżaminata aktar fl-istadju definittiv kif ukoll fl-investigazzjoni kontra s-sussidji li għaddejja bħalissa.

(46) Wara li kkunsidrat il-kundizzjoni prevalenti tas-suq, kif deskritta fil-premessa (44) hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li l-ammont ta' profitt ma setax ikun ibbażat fuq id-dejta attwali tal-kumpaniji fil-kampjun. Għaldaqstant, l-ammont ta' profitt użat biex ġie stabbilit il-valur normali kien iddeterminat skont l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tal-ammont raġonevoli ta' profitt li industrija żagħżugħa u innovattiva ta' kapital intensiv ta' dan it-tip, tista' tikseb taħt il-kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni f'suq ħieles u miftuħ, jiġifieri 15% ibbażat fuq il-fatturat.

1.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(47) Il-produtturi esportaturi fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni jew direttament lil klijenti indipendenti jew permezz ta' kumpaniji relatati.

(48) Fejn il-prodott ikkonċernat kien esportat direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien stabbilit skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tal-prezzijiet li effettivament tħallsu jew li jkunu jridu jitħallsu għall-prodott ikkonċernat.

(49) Fejn il-bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni sar permezz ta' kumpaniji tal-kummerċ relatati li jinsabu fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien stabbilit skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat kien reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni. F'dawn il-każijiet saru aġġustamenti għall-kosti kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, u għall-profitti li akkumulaw. Għall-fini ta' dan il-kalkolu, livell ta' profitt ta' 5% ibbażat fuq il-fatturat tqies raġonevoli.

1.3. *Tqabbil*

(50) Il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi fil-kampjun ġew mqabbla fuq bażi ta' kif joħorġu mill-fabbrika.

(51) Bil-għan li jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, sar provvediment xieraq fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(52) Fuq din il-bażi, fil-każijiet kollha fejn intwera li tiġi affettwata l-komparabbiltà tal-prezzijiet, saru aġġustamenti għall-kosti tat-trasport, tat-trasport tal-merkanzija bil-baħar u tal-assigurazzjoni, għall-kosti tal-immaniġġjar, tat-tagħbija u għal dawk anċillari, għad-dazji fuq l-esportazzjoni u għall-kummissjonijiet.

(53) Fejn il-bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni sar permezz ta' kumpaniji tal-kummerċ relatati li jinsabu barra mill-Unjoni, il-Kummissjoni eżaminat jekk kummerċjanti relatati bħal dawn għandhomx jiġu ttrattati jew le bħala d-dipartiment tal-bejgħ bl-esportazzjoni tal-produttur esportatur jew bħala aġenti li jaħdmu fuq bażi ta' kummissjoni.

(54) Kumpanija tal-kummerċ li kienet relatata mill-qrib ma' produttur esportatur u kkontrollata kompletament minnu, ma kellha l-ebda saħħa ta' negozjar jew influwenza fuq il-prezzijiet jew fuq it-termini tal-konsenja, u kienet qed tinnegozja esklussivament prodotti manifatturati mill-produttur esportatur fl-Arġentina. Għaldaqstant ġiet ikkunsidrata bħala dipartiment tal-bejgħ bl-esportazzjoni tal-produttur esportatur u ma sar l-ebda aġġustament għall-kummissjoni. Kumpanija tal-kummerċ li tinsab barra mill-UE, instab li kellha rabtiet iktar remoti mal-produttur esportatur fl-Arġentina, li ma kinitx taħt il-kontroll tiegħu u li kienet qed tinnegozja għadd ta' prodotti oħra manifatturati minn produtturi oħra. F'dan il-każ il-kumpanija tal-kummerċ ġiet ikkunsidrata li qed taqdi funzjonijiet simili għal dawk ta' kummerċjant li

jaġixxi fuq bażi ta' kummissjoni. Għalhekk il-prezzijiet tal-bejgħ bl-esportazzjoni ġew aġġustati skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku biex titqies iż-żieda ipotetika fil-valur li rċieva l-kummerċjant.

(55) Id-differenza reali bejn il-prezzijiet tal-bejgħ imposti mill-produttur esportatur fl-Arġentina lill-kummerċjant relatat u l-prezzijiet tal-bejgħ imposti mill-kummerċjanti relatati lill-ewwel klijent indipendenti fl-UE ma ntużatx biex jiġi kkalkulat l-aġġustament. L-aġġustament kien ikkalkulat fuq il-bażi tal-SG&A tal-kummerċjant relatat u ammont raġonevoli ta' profitt. Il-profitt reali tal-kumpanija ma ġiex ikkunsidrat li hu affidabbli minħabba n-natura tar-relazzjoni.

1.4. *Il-marġni tad-dumping*

(56) Għall-produtturi esportaturi fil-kampjun, il-valur normali medju peżat ta' kull tip ta' prodott simili kien imqabbel mal-prezz medju peżat tal-esportazzjoni, kif previst fl-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(57) Il-marġni medju peżat tad-dumping għall-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma kinux inklużi fil-kampjun kien ikkalkulat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Dan il-marġni kien stabbilit fuq il-bażi tal-marġnijiet li ġew stabbiliti għat-tliet produtturi esportaturi fil-kampjun.

(58) Rigward il-produtturi esportaturi l-oħra kollha fl-Arġentina, il-marġni ta' dumping kien stabbilit fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan il-għan il-livell ta' kooperazzjoni kien stabbilit l-ewwel billi ġie mqabbel il-volum ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni rrapportat mill-produtturi esportaturi li kkooperaw, mal-istatistika ekwivalenti tal-Eurostat dwar l-importazzjonijiet. Billi l-livell tal-kooperazzjoni kien għoli ħafna (100% tat-total tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-PI), il-marġni tad-dumping residwu applikabbli għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha fl-Arġentina kien stabbilit f'livell li jikkorrispondi għal dak li nstab għall-produttur esportatur li kkoopera fil-kampjun bl-ogħla marġni tad-dumping.

(59) Il-marġnijiet provviżorji tad-dumping kif ġew stabbiliti, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

***Il-marġni tad-dumping***

| Kumpanija | Marġni provviżorju tad-dumping |
|---|---|
| Louis Dreyfus Commodities S.A. | 7,2 % |
| Grupp "Renova" (Molinos Río de la Plata S.A., Oleaginosa Moreno Hermanos S.A.F.I.C.I. y A. u Vicentin S.A.I.C.) | 6,8 % |
| Grupp "T6" (Aceitera General Deheza S.A., Bunge Argentina S.A.) | 10,6 % |
| Kumpaniji oħra li kkooperaw | 7,9 % |
| Il-kumpaniji l-oħra kollha | 10,6 % |

2. **L-Indoneżja**

2.1. *Il-valur normali*

(60) Il-Kummissjoni, għal kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun, l-ewwel eżaminat jekk il-volum tal-bejgħ domestiku totali tal-prodott simili lil klijenti indipendenti fl-Indoneżja kienx rappreżentattiv, jiġifieri jekk il-volum totali ta' dak il-bejgħ kienx jirrappreżenta mill-inqas 5% tal-volum totali tal-bejgħ tal-esportazzjoni tiegħu tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni waqt il-PI, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni sabet li, bl-eċċezzjoni ta' żewġ produtturi esportaturi, il-bejgħ domestiku ma kienx rappreżentattiv.

(61) Għall-produtturi esportaturi b'rappreżentanza globali, il-Kummissjoni sussegwentement identifikat it-tipi ta' prodotti mibjugħa domestikament li kienu identiċi jew komparabbli mat-tipi mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(62) Għal dawn it-tipi ta' prodotti identiċi jew komparabbli, ġie eżaminat jekk il-bejgħ domestiku kienx rappreżentattiv biżżejjed għall-finijiet tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott partikolari ġie meqjus rappreżentattiv biżżejjed meta l-volum totali ta' dak it-tip ta' prodott mibjugħ mill-produtturi esportaturi fis-suq domestiku lil klijenti indipendenti matul il-PI kien jirrappreżenta mill-inqas 5% tal-volum totali tal-bejgħ tiegħu tat-tip ta' prodott komparabbli esportat lejn l-Unjoni. Għall-produtturi esportaturi b'rappreżentanza globali, ma nstab l-ebda bejgħ rappreżentattiv jew assolutament l-ebda bejgħ fis-suq domestiku tat-tip ta' prodott li ġie esportat.

(63) Għaldaqstant, għall-produtturi esportaturi kollha, il-valur normali tal-prodott simili ġie stabbilit b'mod provviżorju skont l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku billi mal-kosti tal-produzzjoni tal-kumpanija nnifisha waqt il-perjodu ta' investigazzjoni, ġew miżjuda l-ispejjeż tal-bejgħ, flimkien ma' dawk ġenerali u amministrattivi ('SG&A'), u marġni raġonevoli ta' profitt. L-ilmentaturi ddikjaraw li s-sistema ta' taxxa differenzjali fuq l-esportazzjonijiet fl-Indoneżja tbaxxi l-prezz taż-żejt tal-palm u għalhekk toħloq distorsjoni fil-kosti tal-produtturi tal-bijodiżil. Il-Kummissjoni għad m'għandhiex biżżejjed informazzjoni f'dan l-istadju biex tieħu deċiżjoni dwar l-aktar mod xieraq li bih tiġi indirizzata din id-dikjarazzjoni. Għalhekk, il-kwistjoni dwar jekk il-kosti jirriflettux

b'mod raġonevoli l-kosti assoċjati mal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat se tkun eżaminata aktar fl-istadju definittiv kif ukoll fl-investigazzjoni kontra s-sussidji li għaddejja bħalissa.

(64) L-investigazzjoni wriet li s-suq domestiku tal-bijodiżil fl-Indoneżja huwa rregolat ħafna mill-Istat. Il-kumpanija taż-żejt u l-gass Pertamina, li tappartjeni kollha kemm hi lill-Istat, hija bil-bosta l-ikbar kumpanija attiva fis-suq domestiku (b'iktar minn 90% tax-xiri domestiku tal-bijodiżil mill-produtturi fil-kampjun). Pertamina għandha l-mandat mill-Istat li tħallat il-bijofjuwils mal-fjuwils ta' oriġini fossili għall-bejgħ fil-pompi tal-petrol tagħha. Kull xahar, il-Ministeru tal-Kummerċ Indoneżjan amministrattivament jistabbilixxi l-hekk imsejjaħ "prezz HPE (jew il-Prezz Standard tal-Esportazzjoni)" li huwa l-prezz ta' riferiment li jintuża biex jiġi kkalkulat il-livell tad-dazju fuq l-esportazzjoni għal dak ix-xahar. Pertamina tixtri l-bijodiżil fil-livell tal-prezz HPE stabbilit mill-gvern Indoneżjan.

(65) F'dawn il-kundizzjonijiet l-ammont ta' profitt ma setax jiġi msejjes fuq id-dejta attwali mill-kumpaniji fil-kampjun minħabba li l-bejgħ domestiku ma ġiex ikkunsidrat li sar fl-andament ordinarju tal-kummerċ. Għaldaqstant, l-ammont ta' profitt użat biex ġie stabbilit il-valur normali kien iddeterminat skont l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tal-ammont raġonevoli ta' profitt li industrija żagħżugħa u innovattiva ta' kapital intensiv ta' dan it-tip, tista' tikseb taħt il-kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni f'suq ħieles u miftuħ, jiġifieri 15% ibbażat fuq il-fatturat.

### 2.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(66) Il-produtturi esportaturi fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni jew direttament lil klijenti indipendenti jew permezz ta' kumpaniji relatati.

(67) Fejn il-prodott ikkonċernat kien esportat direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien stabbilit skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tal-prezzijiet li effettivament tħallsu jew li jkunu jridu jitħallsu għall-prodott ikkonċernat.

(68) Fejn il-bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni kien magħmul permezz ta' kumpaniji tal-kummerċ relatati li jinsabu fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien stabbilit skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni. F'każijiet bħal dawn saru aġġustamenti għall-kosti kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, u livell ta' profitt ta' 5% ibbażat fuq il-fatturat tqies raġonevoli.

(69) Il-primjums imposti fuq il-klijenti fi Stat Membru partikolari li – wara xirja ta' bijodiżil – kienu qed ifittxu li jibbenefikaw mill-"għadd doppju" għall-bijodiżil previst mill-qafas regolatorju li kien fis-seħħ [1], ma ġewx ikkunsidrati bħala parti mill-prezz tal-esportazzjoni. Primjums bħal dawn mhumiex marbutin mal-prodott ikkonċernat per se, pjuttost huma marbuta mal-provvista ta' dokumenti mill-importatur relatat sabiex jikseb ċertifikat tal-gvern li jippermetti lill-klijent tal-importatur relatat jissodisfa l-kundizzjonijiet neċessarji biex iħallat biss nofs il-kwantità tal-bijodiżil (minħabba li dan il-bijodiżil jista' jingħadd "doppju").

### 2.3. *Tqabbil*

(70) Il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi fil-kampjun ġew mqabbla fuq bażi ta' kif joħorġu mill-fabbrika.

(71) Bil-għan li jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, sar provvediment xieraq fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(72) Fuq din il-bażi, fil-każijiet kollha fejn intwera li tiġi affettwata l-komparabbiltà tal-prezzijiet, saru aġġustamenti għall-kosti tat-trasport, tat-trasport tal-merkanzija bil-baħar u tal-assigurazzjoni, għall-kosti tal-immaniġġjar, tat-tagħbija u għal dawk anċillari, għall-ispejjeż ta' kreditu, għad-dazji fuq l-esportazzjoni, għat-tariffi tal-istħarriġ, għall-imposti bankarji u għall-kummissjonijiet.

(73) Fejn il-bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni sar permezz ta' kumpaniji tal-kummerċ relatati li jinsabu barra mill-Unjoni, il-Kummissjoni eżaminat jekk kummerċjanti relatati bħal dawn għandhomx jiġu ttrattati jew le bħala d-dipartiment tal-bejgħ bl-esportazzjoni tal-produttur esportatur jew bħala aġenti li jaħdmu fuq bażi ta' kummissjoni.

(74) Kumpanija jew grupp ta' kumpaniji nstab li kien stabbilixxa kuntratt ma' kumpanija kummerċjali relatata biex jinnegozja, fost affarijiet oħra, il-bijodiżil u ta' dan tingħata kummissjoni. F'dan il-każ, ġie kkunsidrat li l-kummerċjant relatat għandu jiġi ttrattat bħala aġent li jaħdem fuq bażi ta' kummissjoni u għalhekk il-prezzijiet tal-bejgħ bl-esportazzjoni ġew aġġustati skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku biex titqies iż-żieda li rċieva l-kummerċjant.

(75) Fil-każ ta' produttur esportatur partikolari, il-prodott ikkonċernat (PME) ġie mħallat mal-RME qabel ma nbiegħ lill-ewwel klijent indipendenti. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 2(10)(a), sar aġġustament għad-differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi tal-prodott ikkonċernat.

---

[1] Madankollu, dan l-Istat Membru jirrikonoxxi li l-bijodiżil magħmul mid-Distillat tal-Aċidi Xaħmin tal-Palm ("PFAD") "jgħodd doppju", li jfisser li l-kontribuzzjoni magħmula mill-bijofjuwils manifatturati mill-PFAD tiġi kkunsidrata d-doppju ta' dik magħmula minn bijofjuwils oħra. Għaldaqstant ikollok tħallat biss id-diżil minerali ma' nofs minn dan il-bijodiżil li jgħodd doppju. Il-bijodiżil tal-għadd doppju huwa ogħla fil-prezz mill-bijodiżil normali/tal-għadd waħdieni, u għalhekk jiġi impost primjum fuq il-klijent. Madankollu, hija prassi nazzjonali li għall-bijodiżil tal-għadd doppju, il-klijent iħallas dan il-primjum biss mal-approvazzjoni mill-gvern (permezz ta' ċertifikat) li dak id-diżil tal-għadd doppju jissodisfa l-kriterji kollha biex jikkwalifika bħala bijodiżil tal-għadd doppju. Meta l-gvern ikun ħareġ dan iċ-ċertifikat, l-importatur relatat ikun jista' jibgħat fattura separata lill-klijent bil-primjum pendenti li jrid jitħallas.

2.4. *Il-marġni tad-dumping*

(76) Għall-produtturi esportaturi fil-kampjun, il-valur normali medju peżat ta' kull tip ta' prodott simili kien imqabbel mal-prezz medju peżat tal-esportazzjoni, kif previst fl-Artikolu 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku.

(77) Il-marġni medju peżat tad-dumping għall-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma kinux inklużi fil-kampjun kien ikkalkulat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Dan il-marġni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-marġnijiet stabbiliti għall-produtturi esportaturi fil-kampjun, bla ma jitqies il-marġni tal-produttur esportatur b'marġni tad-dumping żero.

(78) Rigward il-produtturi esportaturi l-oħra kollha fl-Indoneżja, il-marġni tad-dumping kien stabbilit fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan il-għan il-livell ta' kooperazzjoni kien stabbilit l-ewwel billi ġie mqabbel il-volum ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni rrapportat mill-produtturi esportaturi li kkooperaw, mal-istatistika ekwivalenti tal-Eurostat dwar l-importazzjonijiet. Billi l-livell tal-kooperazzjoni kien għoli ħafna (99% tat-total tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-PI), il-marġni tad-dumping residwu applikabbli għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha fl-Indoneżja kien stabbilit f'livell li jikkorrespondi għal dak li nstab għall-produttur esportatur li kkoopera fil-kampjun bl-ogħla marġni tad-dumping.

(79) Il-marġnijiet proviżorji tad-dumping kif ġew stabbiliti, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

***Il-marġni tad-dumping***

| Kumpanija | Marġni proviżorju tad-dumping |
|---|---|
| PT. Ciliandra Perkasa | 0,0 % |
| PT. Musim Mas | 2,8 % |
| PT. Pelita Agung Agrindustri | 5,3 % |
| PT. Wilmar Bioenergi Indonesia | 9,6 % |
| PT. Wilmar Nabati Indonesia | 9,6 % |
| Kumpaniji oħra li kkooperaw | 6,5 % |
| Il-kumpaniji l-oħra kollha | 9,6 % |

D. **ĦSARA**

1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(80) Il-prodott simili huwa manifatturat minn 254 produttur fl-Unjoni. Dawn jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku u minn hawn 'il quddiem se jissejħu 'l-industrija tal-Unjoni'.

(81) Saru allegazzjonijiet li għadd sinifikanti ta' produtturi kbar tal-Unjoni kienu relatati ma' esportaturi fl-Arġentina u/jew kienu qed jimportaw il-bijodiżil mill-Arġentina u li għalhekk kellhom ikunu esklużi mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(82) Wara li saret investigazzjoni, tliet kumpaniji ġew esklużi mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni minħabba d-dipendenza tagħhom fuq importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, fejn l-importazzjonijiet laħqu rispettivament it-63%, il-85% u l-71% tal-produzzjoni tagħhom stess matul il-PI. Żewġ kumpaniji oħra ġew esklużi billi ma kinux ipproduċew bijodiżil matul il-perjodu investigat. Ma ntużat l-ebda dejta minn dawn il-kumpaniji fis-sezzjonijiet ta' hawn taħt. B'mod proviżorju ġie konkluż li ma kienx hemm bażi li fuqha setgħu jiġu esklużi produtturi oħra tal-Unjoni mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(83) L-informazzjoni kollha disponibbli li tikkonċerna l-industrija tal-Unjoni, inkluża l-informazzjoni pprovduta fl-ilment u d-dejta miġbura mingħand il-produtturi tal-Unjoni qabel u wara t-tnedija tal-investigazzjoni, intużat biex tiġi stabbilita l-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-PI. Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni nstab li l-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-PI kienet ta' madwar 9 052 871 tunnellata. Kif ġie indikat qabel, it-tmien produtturi tal-Unjoni li ntgħażlu fil-kampjun jirrappreżentaw 27% tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

2. **Il-konsum tal-Unjoni**

*Tabella 1*

| Il-konsum tal-Unjoni | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Tunnellati | 11 165 831 | 11 538 511 | 11 159 706 | 11 728 400 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *103* | *100* | *105* |

*Sors:* Eurostat, dejta mill-industrija tal-Unjoni

(84) Il-konsum tal-Unjoni kien stabbilit fuq il-bażi tal-volum tal-produzzjoni totali tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni tal-produtturi kollha tal-Unjoni, wara li jitnaqqsu l-esportazzjonijiet tagħhom, u jiżdiedu l-importazzjonijiet mill-Arġentina u mill-Indoneżja u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra.

(85) Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Arġentina u l-Indoneżja ttieħed mid-dejta tal-Eurostat għall-kodiċijiet NM differenti li l-prodott ġie kklassifikat taħthom.

(86) Fuq il-bażi ta' dak li ssemma hawn fuq, il-konsum tal-bijodiżil tal-Unjoni żdied b'5% bejn l-2009 u t-tmiem tal-PI.

3. **Valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

(87) Kif stipulat fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku, valutazzjoni tal-effett tal-importazzjonijiet minn żewġ pajjiżi tista' ssir b'mod kumulattiv biss jekk jiġu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet.

(88) L-ewwel waħda hija li l-marġni tad-dumping b'rabta mal-importazzjonijiet miż-żewġ pajjiżi ikun ogħla mil-limitu de minimis, u li l-volum tal-importazzjonijiet ma jkunx negliġibbli. Il-marġni tad-dumping stabbilit b'rabta mal-importazzjonijiet mill-Arġentina u mill-Indoneżja kien ogħla mil-limitu de minimis kif definit fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku u l-volum tal-importazzjonijiet minn kull wieħed miż-żewġ pajjiżi kkonċernati ma kienx negliġibbli fis-sens tal-Arikolu 5(7) tar-Regolament bażiku, b'ishma mis-suq ta' 10,8% u 8,5% rispettivament fil-PI.

(89) It-tieni waħda hija li l-prodotti importati jkunu f'kompetizzjoni bejniethom, u f'kompetizzjoni mal-prodott simili tal-Unjoni. L-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina u mill-Indoneżja jiġu mħalltin mad-diżil minerali mill-istess kumpaniji ta' kummerċ u mibjugħa lil klijenti madwar l-Unjoni f'kompetizzjoni diretta mal-bijodiżil prodott mill-industrija tal-Unjoni.

(90) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa proviżorjament ikkunsidrat li l-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku huma ssodisfati u li l-importazzjonijiet mill-Arġentina u mill-Indoneżja għandhom jiġu eżaminati b'mod kumulattiv għall-fini tal-analiżi tal-ħsara.

## 4. **Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

*Tabella 2*

| | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Importazzjonijiet mill-Arġentina | | | | |
| Tunnellati | 853 589 | 1 179 285 | 1 422 142 | 1 263 230 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *138* | *167* | *148* |
| Sehem mis-suq | 7,6 % | 10,2 % | 12,7 % | 10,8 % |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *135* | *167* | *141* |
| Importazzjonijiet mill-Indoneżja | | | | |
| Tunnellati | 157 915 | 495 169 | 1 087 518 | 995 663 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *314* | *689* | *631* |
| Sehem mis-suq | 1,4 % | 4,3 % | 9,7 % | 8,5 % |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *303* | *689* | *600* |
| Sehem totali mis-suq | 9,1 % | 14,5 % | 22,5 % | 19,3 % |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *160* | *248* | *213* |

*Sors:* Eurostat

(91) Il-volumi tal-importazzjonijiet mill-Arġentina u mill-Indoneżja żdiedu b'mod sinifikanti mill-2009 sal-PI, bl-importazzjonijiet mill-Indoneżja jiżdiedu b'rata iktar mgħaġġla mill-importazzjonijiet mill-Arġentina. Is-sehem mis-suq żdied minn 9,1% għal 19,3% matul l-istess perjodu.

## 5. **Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u t-twaqqigħ tal-prezz**

### 5.1. *Evoluzzjoni tal-prezzijiet*

*Tabella 3*

| Prezz tal-importazzjoni EUR/tunnellata | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| L-Arġentina | 629 | 730 | 964 | 967 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *116* | *153* | *154* |
| L-Indoneżja | 597 | 725 | 864 | 863 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *121* | *145* | *145* |
| Total | 624 | 728 | 920 | 921 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *117* | *147* | *148* |

*Sors:* Eurostat

(92) Minkejja li l-prezzijiet tal-importazzjoni għolew matul il-perjodu kkunsidrat, b'mod partikolari bejn l-2010 u l-2011, il-prezzijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina kif ukoll mill-Indoneżja baqgħu taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kollu kkunsidrat.

### 5.2. *It-twaqqigħ tal-prezz*

(93) Biex jiġi ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-PI, il-prezzijiet medji peżati tal-bejgħ li l-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun imponew fuq il-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal-livell ta' kif joħorġu mill-fabbrika, tqabblu mal-prezzijiet medji peżati korrispondenti tal-importazzjonijiet mingħand il-produtturi Arġentini u Indoneżjani fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbilit fuq bażi CIF, bl-aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u l-kosti ta' wara l-importazzjoni.

(94) L-SME mill-Arġentina u l-PME mill-Indoneżja ġew imqabbla mal-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq tal-Unjoni fuq il-bażi tal-Punt Limitu ta' Filtrabbiltà fil-Ksieħ (CFPP), li huwa t-temperatura li fiha l-bijodiżil jerġa' jsir xaħam u ma jkunx jista' jintuża bħala fjuwil.

(95) Il-bejgħ kollu mill-Arġentina lill-UE kellu CFPP ta' 0 gradi Ċentigradi. Dan il-bejgħ kien għalhekk imqabbel mal-bejgħ tal-produtturi tal-bijodiżil tal-Unjoni b'CFPP ta' 0.

(96) Il-bejgħ kollu mill-Indoneżja lill-UE kellu CFPP ta' 13-il grad Ċentigrad. Minħabba l-volum żgħir ħafna ta' bejgħ mill-produtturi tal-Unjoni b'dan is-CFPP – billi l-PME mill-Indoneżja kważi dejjem jiġi mħallat ma' bijodiżil ieħor minn sorsi oħra qabel ma jinbiegħ lill-ewwel klijent indipendenti – tqabbil dirett ma tqiesx raġonevoli. Għalhekk il-prezz tal-esportazzjoni tal-PME mill-Indoneżja b'CFPP ta' 13 ġie aġġustat 'il fuq għal prezz b'CFPP ta' 0, billi ttieħdet id-differenza fil-prezz fis-suq tal-Unjoni bejn il-bejgħ tal-PME b'CFPP ta' 13 imanifatturat mill-industrija tal-Unjoni u l-prezz medju tal-bijodiżil b'CFPP ta' 0.

(97) Fuq il-bażi tal-metodoloġija msemmija hawn fuq, id-differenza bejn il-prezzijiet mill-Arġentina u mill-Indoneżja u l-prezzijiet tal-Unjoni, espressa bħala perċentwal tal-prezz medju peżat ta' kif joħroġ mill-fabbrika tal-industrija tal-Unjoni, jiġifieri l-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz, kienet tvarja minn 2,5% sa 9,1%.

### 6. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

(98) B'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-investigazzjoni tal-effetti tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha stabbiliti għall-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu analizzat.

(99) Kif issemma iżjed 'il fuq, id-dejta vverifikata minn kampjun ta' produtturi tal-Unjoni ntużat biex tiġi eżaminata l-ħsara possibbli mġarrba mill-industrija tal-Unjoni.

(100) Biex tanalizza l-ħsara, il-Kummissjoni ddistingwiet bejn l-indikaturi tal-ħsara makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni analizzat l-indikaturi makroekonomiċi għall-perjodu kkunsidrat fuq il-bażi tad-dejta pprovduta mill-industrija tal-Unjoni relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni analizzat l-indikaturi mikroekonomiċi fuq il-bażi tad-dejta vverifikata miġbura mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(101) L-indikaturi makroekonomiċi li ġejjin ġew evalwati fuq il-bażi ta' informazzjoni relatata mal-produtturi kollha tal-bijodiżil fl-Unjoni: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum ta' bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, il-kobor tal-marġni ta' dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(102) L-indikaturi mikroekonomiċi li ġejjin ġew evalwati fuq il-bażi ta' informazzjoni relatata mal-produtturi kollha tal-bijodiżil fl-Unjoni fil-kampjun: il-prezzijiet medji ta' unità, il-kost unitarju, il-kostijiet tax-xogħol, l-inventarji, il-profittabilità, il-flussi tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità ta' ġbir ta' kapital.

### 7. **L-indikaturi makroekonomiċi**

7.1. *Il-kapaċità tal-produzzjoni, il-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità*

*Tabella 4*

| | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati) | 20 359 000 | 21 304 000 | 21 517 000 | 22 227 500 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *105* | *106* | *109* |
| Volum ta' produzzjoni (tunnellati) | 8 745 693 | 9 367 183 | 8 536 884 | 9 052 871 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *107* | *98* | *104* |
| Użu tal-kapaċità | 43 % | 44 % | 40 % | 41 % |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *102* | *92* | *95* |

Sors: Dejta pprovduta mill-industrija tal-Unjoni

(103) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedet id f'id mal-konsum. Il-kapaċità baqgħet relattivament stabbli b'mod partikolari bejn l-2010 u l-PI; għalhekk l-użu tal-kapaċità baqa' baxx matul il-perjodu kollu. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tuża l-kapaċità li kienet installata qabel jew tisfrutta b'xi mod iż-żieda fil-kapaċità matul il-perjodu, magħmula biex tantiċipa xi effetti eventwali tal-impożizzjoni ta' miżuri kontra l-Istati Uniti, jew tas-sistemi tal-kwoti mistennija u l-mandati miżjuda minn xi Stati Membri.

7.2. *Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq*

*Tabella 5*

| | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volumi ta' bejgħ (tunnellati) | 9 454 786 | 9 607 731 | 8 488 073 | 9 294 137 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *102* | *90* | *98* |
| Sehem mis-suq | 84,7 % | 83,3 % | 76,1 % | 79,2 % |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *98* | *90* | *94* |

Sors: Dejta pprovduta mill-industrija tal-Unjoni

(104) Il-volumi ta' bejgħ lil kumpaniji mhux relatati tal-Unjoni baqgħu pjuttost stabbli matul il-perjodu. Billi l-konsum żdied xi ftit matul il-perjodu, il-volum stabbli ta' bejgħ wassal għal tnaqqis tas-sehem mis-suq (tnaqqis ta' 5.5 punti perċentwali), li ttieħed mill-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati.

7.3. *It-tkabbir*

(105) It-tkabbir tal-industrija tal-Unjoni huwa rifless fl-indikaturi tal-volum tagħha, bħall-produzzjoni u l-bejgħ imma b'mod partikolari fis-sehem mis-suq tagħha. Minkejja ż-żieda fil-konsum matul il-perjodu analizzat, is-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni ma kibirx id f'id mal-konsum. Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni niżel matul il-perjodu hekk kif il-volum tal-importazzjonijiet żdied. Matul l-istess perjodu, l-importazzjonijiet mill-Indoneżja u mill-Arġentina rnexxielhom jirbħu iktar minn 10 punti perċentwali mis-sehem mis-suq. Il-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika b'mod sħiħ mit-tkabbir tas-suq kellu impatt negattiv b'mod ġenerali fuq is-sitwazzjoni ekonomika.

7.4. *L-impjiegi u l-produttività*

*Tabella 6*

| | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Impjiegi – Ekwivalenti għall-full time (FTE) | 1 858 | 2 055 | 2 061 | 2 079 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *111* | *111* | *112* |

| | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Produttività (tunnellati/FTE) | 4 707 | 4 558 | 4 142 | 4 354 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *97* | *88* | *93* |

Sors: Dejta pprovduta mill-industrija tal-Unjoni.

(106) Billi l-industrija tal-bijodiżil hija industrija ta' kapital intensiv li ma teħtieġx forza kbira tax-xogħol fil-proċess tal-produzzjoni, u meta jitqies l-ammont ta' sottokuntratti fil-produzzjoni attwali tal-bijodiżil, in-numru ta' nies impjegati fil-manifattura mhuwiex kbir. Peress li l-volumi tal-produzzjoni matul il-perjodu żdiedu xi ftit, l-impjiegi żdiedu wkoll.

(107) Billi l-impjiegi żdiedu, imma b'rata ogħla minn tal-produzzjoni, il-produttività naqset b'7 punti perċentwali bejn l-2009 u t-tmiem tal-PI.

7.5. *Il-kobor tal-marġni attwali tad-dumping u l-irkupru mid-dumping tal-passat*

(108) L-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda ssofri ħsara minħabba importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti tal-Amerika sal-2009, meta beda l-perjodu ta' investigazzjoni għal dan il-proċediment. Id-dazji fis-seħħ kontra importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerika kienu maħsuba biex jipprovdu kundizzjonijiet indaqs fejn l-industrija tal-Unjoni setgħet tikkompeti b'mod ġust ma' dawn l-importazzjonijiet u tirkupra mill-ħsara li ġarrbet.

(109) Jidher biċ-ċar li dan ma seħħx. L-industrija tal-Unjoni llum hija inqas kapaċi li tagħmel profitt mill-2009 u tilfet is-sehem tagħha mis-suq, anke sa mill-2009, għall-benefiċċju tal-importazzjonijiet mill-Arġentina u mill-Indoneżja li qegħdin iwaqqgħu il-prezzijiet tal-Unjoni. L-użu tal-kapaċità naqas ukoll hekk kif il-konsum fl-Unjoni żdied. Jidher biċ-ċar li l-irkupru minn dumping tal-passat ma seħħx.

(110) Il-marġni ta' dumping għall-produtturi esportaturi fl-Arġentina u fl-Indoneżja huma speċifikati aktar 'il fuq fit-taqsima tad-dumping. Esportatur produttur fl-Indoneżja, li jirrappreżenta livell baxx ta' importazzjonijiet mill-Indoneżja, instab li ma kienx responsabbli ta' dumping. Madankollu l-produtturi esportaturi l-oħra fl-Indoneżja u l-produtturi esportaturi kollha fl-Arġentina nstabu li kienu responsabbli ta' dumping ta' bijodiżil fis-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, minħabba l-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet ta' dumping miż-żewġ pajjiżi kkonċernati, l-impatt tal-marġni attwali tad-dumping ma jistax jitqies li hu negliġibbli.

## 8. **Indikaturi mikroekonomiċi**

### 8.1. *Prezzijiet medji tal-unità, kosti unitarji u kosti tal-pagi*

*Tabella 7*

| | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Prezz ta' unità EUR kull tunnellata | 797 | 845 | 1 096 | 1 097 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *106* | *137* | *138* |
| Kost unitarju EUR kull tunnellata | 760 | 839 | 1 089 | 1 116 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *110* | *143* | *147* |
| Kosti tal-pagi EUR/FTE | 57 391 | 63 490 | 62 141 | 61 004 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *111* | *108* | *106* |

*Sors:* Risposti għall-kwestjonarji mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(111) Għalkemm tul il-perjodu kkunsidrat l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżid il-prezz tal-bejgħ tagħha, minħabba ħsad batut tal-kolza fl-2011, il-kost tal-produzzjoni għola tant li ma setax jiġi kopert b'żieda fil-prezz tal-bejgħ. Ma kienx ekonomikament vijabbli li l-industrija tal-Unjoni timporta materja prima alternattiva mill-Arġentina u mill-Indoneżja minħabba r-reġimi ta' taxxa fis-seħħ f'dawn il-pajjiżi, u għalhekk kellha tirrikorri għall-importazzjoni ta' bijodiżil lest biex iżżomm il-kosti tagħha baxxi u b'hekk tnaqqas it-telf b'mod ġenerali.

(112) Fl-istess ħin il-kosti tal-pagi tal-kumpaniji fil-kampjun żdiedu matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, li mill-ġdid ġiegħlu lill-kumpaniji jsibu modi kif inaqqsu l-piż tal-kosti ġenerali.

### 8.2. *Ħażniet*

*Tabella 8*

| | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Ħażniet (tunnellati) | 74 473 | 87 283 | 90 249 | 103 058 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *117* | *121* | *138* |

Sors: Risposti għall-kwestjonarji mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(113) Matul il-perjodu analizzat, il-ħażniet tal-bijodiżil żdiedu b'madwar 40%. Dan it-tkabbir fl-inventarji seħħ matul il-perjodu analizzat kollu. Madankollu, minħabba li l-bijodiżil ma jistax jinħażen għal iktar minn 6 xhur (il-perjodu medju tal-ħażna huwa biss ta' madwar 3 xhur), id-dejta relatata mal-ħażniet għandha biss valur limitat għall-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

### 8.3. *Il-kapaċità ta' profitt, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, il-flussi tal-flus u l-kapaċità ta' ġbir ta' kapital*

*Tabella 9*

| | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Profittabilità | 3,5 % | – 0,3 % | – 0,2 % | – 2,5 % |
| Investimenti f'EUR 000 | 188 491 | 156 927 | 149 113 | 141 578 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *83* | *79* | *75* |
| Redditu mill-investimenti | 19 % | – 2 % | – 2 % | – 24 % |
| Flussi tal-flus f'EUR 000 | 244 001 | – 48 649 | 21 241 | 23 984 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *– 20* | *9* | *10* |

*Sors:* Risposti għall-kwestjonarji mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(114) Il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ġiet stabbilita billi l-profitt nett qabel it-taxxa mill-bejgħ tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat ta' dan il-bejgħ. Matul il-perjodu analizzat il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun naqset b'mod konsiderevoli minn 3,5 % għal – 2,5 %.

(115) Il-livell ta' investimenti fil-produzzjoni tal-bijodiżil manifatturat mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun waqa' matul il-perjodu, li juri li waqt li l-produtturi fil-kampjun kienu għadhom jistgħu jinvestu fil-produzzjoni tal-bijodiżil, l-ammont ta' riżorsi disponibbli għal investiment bħal dan kien naqas mas-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni.

(116) Ir-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, li jesprimi r-riżultat tagħhom qabel it-taxxa bħala perċentwal tal-valur nett deprezzat medju tal-ftuħ u tal-għeluq tal-assi użati fil-produzzjoni tal-bijodiżil segwa t-tendenza negattiva fil-profittabilità. Id-deterjorament tar-redditu fuq l-investimenti huwa indikazzjoni ċara tad-deterjorament fil-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu li ġie investigat.

(117) Il-flussi tal-flus, li jirrappreżentaw l-abbiltà tal-industrija li tiffinanzja hija stess l-attivitajiet tagħha, jirriflettu tnaqqis sinifikanti matul il-perjodu analizzat, u juru d-diffikultà tal-kumpaniji fil-kampjun li jikkompetu ma' importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mill-Arġentina u mill-Indoneżja.

9. **Konklużjoni dwar il-ħsara**

(118) Analiżi tad-dejta vverifikata turi biċ-ċar li l-industrija tal-Unjoni sofriet ħsara materjali kif definit mill-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku. Fi żmien ta' żieda fil-konsum huma tilfu mis-sehem mis-suq u mill-profittabilità, waqt li l-importazzjonijiet żiedu s-sehem mis-suq u waqqgħu l-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni.

(119) Indikaturi oħra wkoll juru tendenza stabbli jew ta' tnaqqis, anke wara l-impożizzjoni ta' miżuri kontra l-Istati Uniti tal-Amerika u l-estensjoni tad-dazji għall-importazzjonijiet mill-Kanada li kienu qed iduru mal-miżuri.

(120) Il-produtturi tal-Unjoni rnexxielhom jgħaddu l-biċċa l-kbira taż-żieda fil-kost tal-produzzjoni mill-2010 għall-2011 (+33 punt perċentwali) imma biss billi naqqsu l-profittabilità sal-punt tal-pariġġ. Madankollu ma rnexxilhomx jgħaddu ż-żieda ulterjuri fil-kost mill-2011 għall-PI, minħabba żieda fil-prezz tal-materja prima, li tirrappreżenta kważi 80 % tal-kost totali tal-produzzjoni tal-bijodiżil. Iż-żidiet fil-kosti ma setgħux jgħaddu kompletament fuq il-klijenti tas-suq tal-Unjoni, u dan ikkawża t-telf fil-PI.

E. **KAWŻALITÀ**

1. **Introduzzjoni**

(121) B'konformità mal-Artikolu 3(6) u l-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping li oriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati kkawżawx ħsara lill-industrija tal-Unjoni sal-punt li setgħet tiġi kklassifikata bħala ħsara materjali.

(122) Fatturi oħra magħrufa minbarra l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping, li setgħu fl-istess ħin jikkaġunaw ħsara lill-industrija tal-Unjoni, kienu eżaminati wkoll sabiex ikun żgurat li l-ħsara li setgħet ġiet ikkawżata minn dawn il-fatturi l-oħra ma tkunx attribwita għall-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping.

2. **L-effett tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping**

(123) Matul il-perjodu tal-investigazzjoni, livell baxx (bejn 2% u 6%) tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja lejn l-UE nstab li ma kienx l-oġġett ta' dumping. Il-bqija tal-volum mill-Indoneżja, u l-importazzjonijiet kollha mill-Arġentina, instabu li kienu l-oġġett ta' dumping. Jekk titnaqqas il-kwantità żgħira ta' importazzjonijiet li ma kinux l-oġġett ta' dumping mit-total tal-importazzjonijiet ddikjarati mill-Indoneżja, it-tendenza tal-importazzjonijiet deskritti hawn fuq ma tiġix affettwata.

(124) L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping bi prezz baxx mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b'mod sinifikanti f'termini ta' volum (b'iktar mid-doppju) matul il-perjodu kkunsidrat. Dan irriżulta f'żieda sinifikanti ta' 10 punti perċentwali fis-sehem tagħhom mis-suq, minn 9.1% fl-2009 għal 18.8% sat-tmiem tal-PI.

(125) Fl-istess ħin, minkejja ż-żieda fil-konsum, l-industrija tal-Unjoni tilfet 5.5 punti perċentwali mis-sehem mis-suq matul il-perjodu kkunsidrat.

(126) Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping żdiedu bi 48% bejn l-2009 u l-PI imma kienu ferm iktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni matul l-istess perjodu. L-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'marġni medju ta' twaqqigħ ta' 4% għall-Indoneżja u ta' 8% għall-Arġentina matul il-PI.

(127) Il-pressjoni eżerċitata fuq is-suq tal-Unjoni miż-żieda tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping bi prezz baxx ma ħallitx lill-industrija tal-Unjoni tistabbilixxi l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha skont il-kundizzjonijiet tas-suq u ż-żidiet fil-kosti. Il-kumpaniji fil-kampjun setgħu jgħaddu biss fuq il-klijenti tagħhom żieda fil-prezz limitata għal 38% filwaqt li l-kosti stess tagħhom żdiedu b'47% matul l-istess perjodu.

(128) Fuq il-bażi ta' dak li ssemma hawn fuq, huwa proviżorjament konkluż li l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping bi prezz baxx mill-pajjiżi kkonċernati, li waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-PI u li wkoll żdiedu b'mod sinifikanti fil-volum, kellhom sehem determinanti fil-ħsara materjali mġarrba mill-industrija tal-Unjoni.

## 3. **L-effett ta' fatturi oħra**

3.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi oħra*

*Tabella 10*

| Pajjiżi terzi oħra | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| L-importazzjonijiet totali (tunnellati) | 699 541 | 256 327 | 161 973 | 175 370 |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *37* | *23* | *25* |
| Sehem mis-suq | 6,3 % | 2,2 % | 1,5 % | 1,5 % |
| *Indiċi 2009 = 100* | *100* | *35* | *23* | *24* |

*Sors:* Eurostat

(129) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, prinċipalment l-Istati Uniti, in-Norveġja u l-Korea t'Isfel, naqsu sostanzjalment mill-2009 sat-tmiem tal-PI. Dan it-tnaqqis kien dovut għall-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti fl-2009 u b'segwitu għal investigazzjoni kontra l-evażjoni fuq importazzjonijiet konsenjati mill-Kanada fl-2010. Meta jitqies it-tnaqqis mis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra fi żmien id-deterjorament tal-qagħda finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ma setgħux ikkontribwew ħlief b'mod negliġibbli għall-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni. B'hekk ma jistax jiġi konkluż li kisru r-rabta kawżali bejn il-ħsara u l-effett tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping.

3.2. *Importazzjonijiet li ma kinux l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati*

(130) Instabu importazzjonijiet li ma kinux l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati, imma fit-tieni nofs tal-2011 biss. Meta jitqies il-perjodu qasir ta' żmien li fih saru dawn l-importazzjonijiet, u l-kwantitajiet limitati tagħhom, dawn setgħu jikkawżaw biss ammont negliġibbli ta' ħsara lill-industrija tal-Unjoni u ma jistgħux jiksru r-rabta kawżali bejn il-ħsara u l-effett tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping.

3.3. *Produtturi oħra tal-Unjoni*

(131) Meta jitqies il-volum żgħir ta' produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni li kienu esklużi mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni, u l-volum żgħir tal-importazzjonijiet tagħhom b'kollox, dawn il-produtturi ma tqisux li kienu kawża ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni.

3.4. *Importazzjonijiet magħmula mill-industrija tal-Unjoni*

(132) CARBIO, l-assoċjazzjoni tal-produtturi Arġentini tal-bijodiżil, allegat li l-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni kienet ikkawżata minn importazzjonijiet mill-Arġentina u mill-Indoneżja magħmula minn produtturi tal-Unjoni. Hi ddeskriviet dawn l-importazzjonijiet bħala ħsara kkaġunata mill-industrija stess, u ddikjarat li huma m'għandhomx jitqiesu kawża ta' ħsara fuq il-bażi tal-imġiba tal-produtturi Arġentini.

(133) Mid-dejta pprovduta mill-industrija tal-Unjoni jidher ċar li hija impurtat kwantitajiet ta' bijodiżil mill-Arġentina u mill-Indoneżja matul il-perjodu kkunsidrat, li waslu sa 60% tal-importazzjonijiet kollha minn dawn il-pajjiżi matul il-PI. Madankollu l-industrija tal-Unjoni ddikjarat li dawn l-importazzjonijiet għamlithom biex tiddefendi lilha nnifisha. Il-fatt li setgħu jibbenefikaw mill-prezzijiet ta' dumping ta' dawn l-importazzjonijiet, fuq perjodu qasir ta' żmien, għen lill-produtturi tal-Unjoni biex ikunu jistgħu jibqgħu fin-negozju għal perjodu medju ta' żmien.

(134) L-importazzjonijiet tal-bijodiżil bi prezzijiet ta' dumping mill-industrija tal-Unjoni żdiedu sostanzjalment fl-2011 u fil-PI, meta kien jinħass l-aktar l-effett tat-taxxa differenzjata tal-esportazzjoni fuq il-bijodiżil u l-materja prima tiegħu, għaliex kien f'dak iż-żmien li l-importazzjonijiet tal-materja prima (żejt tas-sojja u żejt tal-palm) ma baqgħux ekonomikament vijabbli meta mqabbla mal-importazzjonijiet tal-prodott lest. Is-sistema tat-taxxa differenzjata tal-esportazzjoni fiż-żewġ pajjiżi tqiegħed taxxa ogħla fuq l-esportazzjoni tal-materja prima mit-taxxa fuq il-prodott lest. Jekk din it-taxxa differenzjata tal-esportazzjoni tistax titqies bħala sussidju fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku kontra s-sussidji se jkun eżaminat fl-investigazzjoni kontra s-sussidji li tinsab għaddejja bħalissa.

(135) Pereżempju matul xi xhur tal-PI l-prezz tal-importazzjoni taż-żejt tas-sojja mill-Arġentina kien ogħla mill-prezz tal-importazzjoni tal-SME, u dan għamel ix-xiri taż-żejt tas-sojja ekonomikament żvantaġġuż. F'din is-sitwazzjoni, ix-xiri tal-SME kien l-unika possibbiltà ekonomikament ġustifikabbli.

(136) Fi kwalunkwe każ, kieku l-industrija tal-Unjoni ma impurtatx dawn il-volumi ta' bijodiżil, il-kumpaniji tal-kummerċ fl-Unjoni kienu jimpurtawhom huma, iwaqqgħu l-industrija tal-Unjoni u jbigħuhom fis-suq tal-Unjoni, billi huma diġà jimpurtaw minn dawn il-pajjiżi biex ibigħu lir-raffinaturi tad-diżil li huma f'kompetizzjoni mal-industrija tal-Unjoni. Ir-rabta kawżali ma nkisritx b'dawn l-importazzjonijiet u għalhekk dan l-argument proviżorjament mhuwiex aċċettabbli.

3.5. *Il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni*

(137) CARBIO tallega wkoll li l-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni kienet dovuta għall-kapaċità eċċessiva kkawżata mill-espansjoni żejda. B'użu tal-kapaċità ta' 50% fl-2008, hi tallega li l-industrija kompliet tespandi mingħajr ma kien hemm żieda korrelativa fid-domanda.

(138) Tassew li matul il-perjodu kkunsidrat, l-użu tal-kapaċità madwar l-Unjoni baqa' baxx, sal-punt baxx ta' 40% matul il-PI. Għalhekk xi kumpaniji ma kinux qegħdin jużaw il-kapaċità li kellhom installata.

(139) Madankollu l-użu tal-kapaċità kien diġà baxx fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat u baqa' baxx tul il-perjodu kollu, u anke kien stabbli fil-kumpaniji fil-kampjun.

(140) Fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat il-kumpaniji fil-kampjun kienu kapaċi jagħmlu profitt, u fi tmiemu spiċċaw jagħmlu t-telf, b'użu tal-kapaċità stabbli. Huwa raġonevoli li wieħed jiddeduċi li l-industrija kollha kemm hi wkoll saret inqas profittabbli waqt li l-użu tal-kapaċità tagħha baqa' stabbli. Għaldaqstant dan il-fattur ma jistax jitqies kawża maġġuri ta' ħsara, għaliex ma jidhirx li hemm xi rabta kawżali. Għalhekk dan l-argument proviżorjament mhuwiex aċċettabbli.

3.6. *In-nuqqas ta' aċċess għall-materja prima u l-integrazzjoni vertikali*

(141) CARBIO allegat ukoll li l-industrija tal-Unjoni qed issofri ħsara minħabba nuqqas ta' effiċjenza, b'mod partikolari minħabba li mhijiex integrata vertikalment u ma tinsabx qrib il-materja prima.

(142) Dawn l-argumenti proviżorjament ġew miċħuda. Uħud mill-kumpaniji fil-kampjun jinsabu ħdejn il-portijiet b'aċ-ċess kontinwu għall-materja prima li tiddaħħal bil-baħar, u kumpaniji oħra fil-kampjun bnew l-impjanti tagħhom tal-bijodiżil fl-istess sit tal-impjanti tagħhom li jipproduċu ż-żejt veġetali. Ħafna produtturi tal-bijodiżil fin-nofsinhar tal-Ewropa jinsabu apposta f'siti ta' portijiet biex ikollhom aċċess għall-materja prima importata mill-Arġentina u mill-Indoneżja jew fl-istess siti tal-klijenti tagħhom (li huma r-raffineriji taż-żejt ta' oriġini fossili). Meta jitqies li l-effett tat-taxxa differenzjata tal-esportazz-joni kien li ġab il-materja prima ogħla mill-prodott lest, jidher biċ-ċar li dan kien ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni billi għamel il-manifattura tal-PME u l-SME fl-UE ekonomikament impossibbli.

3.7. *Fatturi regolatorji oħra*

(143) CARBIO rreferiet ukoll għal xi fatturi regolatorji u allegat li dawn ikkawżaw ħsara lill-industrija tal-Unjoni, bi wħud minnhom li huma proposti u sal-lum għadhom ma ddaħħlux fis-seħħ. Madankollu hi tagħmel enfasi fuq is-sistema tal-'għadd doppju', li hija deskritta hawn taħt.

(144) Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli ('RED') titlob li l-Istati Membri jagħmlu obbligatorju t-taħlit ta' ċertu proporzjon ta' bijodiżil mad-diżil minerali qabel jinbiegħ lill-utenti. Xi Stati Membri approfittaw ruħhom mid-dispożizzjoni fir-RED li tippermetti li dak il-proporzjon jitnaqqas bin-nofs jekk il-bijodiżil użat ikun ġie magħmul minn żjut użati jew minn xaħmijiet użati tal-annimali. Pereżempju jekk l-Istat Membru kkonċernat jitlob li 7% ta' bijodiżil jiġi mħallat ma' 93% ta' diżil minerali, dak is-7% jitnaqqas għal 3,5% jekk ikun bijodiżil minn żejt użat.

(145) CARBIO allegat li r-regoli tal-għadd doppju kkawżaw tnaqqis ta' miljun tunnellata metrika fil-bejgħ tal-hekk imsejjaħ bijodiżil 'tal-ewwel ġenerazzjoni' matul il-PI, u li dan huwa kawża ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni. Din l-allegazzjoni ġiet miċħuda, għaliex il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni fih xi kumpaniji li qed jimmanifat-turaw bijodiżil tal-għadd doppju u l-qagħda finanzjarja tagħhom mhix wisq differenti minn ta' dawk il-kumpaniji li jimmanifatturaw il-bijodiżil minn żjut veġetali verġni. Dawn il-kumpaniji wrew waqt il-verifikazzjoni tad-dejta tagħhom, li l-prezz tal-bijodiżil tagħhom ġie affettwat mill-prezz baxx tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mill-Arġentina u mill-Indoneżja, billi huma jinsabu f'kompetizzjoni indiretta mal-PME u l-SME mill-pajjiżi kkonċernati.

(146) Tressaq ukoll l-argument li l-industrija tal-Unjoni qiegħda ssofri ħsara billi ma nvestitx aktar f'bijofjuwils tat-tieni ġenerazzjoni, bħal pereżempju l-użu ta' żjut użati. Dan l-argument proviżorjament ġie miċħud, għaliex m'hemmx biżżejjed żejt użat disponibbli fl-Unjoni li jista' jżid b'mod sinifikanti l-ammont ta' pproċessar li diġà jeżisti.

3.8. *Restrizzjonijiet fl-Istati Membri*

(147) CARBIO allegat ukoll li l-ħsara li saret lill-industrija tal-Unjoni ma setgħetx ġiet ikkawżata mill-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati minħabba s-sistemi tal-kwoti u r-reġimi ta' taxxa f'diversi Stati Membri li jirrestrinġu l-aċċess għal dawn is-swieq. Hi tallega wkoll li xi swieq fl-UE huma magħluqa għall-SME u l-PME minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi.

(148) CARBIO hija korretta meta tgħid li l-Punt Limitu ta' Filtrabbiltà fil-Ksieħ (CFPP) tal-PME (+13 Ċentigrad) ifisser li l-PME ma jistax jintuża madwar l-Unjoni mingħajr ma jiġi mħallat ma' bijodiżils oħra biex jitniżżel is-CFPP. Is-CFPP tal-SME, ta' 0 gradi Ċentigradi, madankollu, jipper-mettilu li jintuża ħafna iktar, speċjalment matul ix-xhur tas-sajf.

(149) L-argument li hija s-sistema regolatorja f'xi Stati Membri li qed tikkawża ħsara lill-industrija tal-Unjoni ġie eżaminat mill-qrib matul l-investigazzjoni kollha.

(150) F'xi Stati Membri jeżistu sistemi ta' kwoti li jagħtu kwota ta' produzzjoni partikolari lill-kumpaniji f'dak l-Istat Membru jew fi Stati Membri oħra madwar l-Unjoni. Madankollu l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi taw vantaġġi billi nqdew bis-sistema ta' taxxa u dawn il-vantaġġi qegħdin jitnaqqsu jew jitneħħew.

(151) Franza, pereżempju, għandha 'vantaġġ ta' tneħħija ta' taxxa' ta' EUR90 għal kull tunnellata ta' bijodiżil prodott bil-kwota. Madankollu, minħabba l-prezzijiet baxxi tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping, l-importazzjoni tal-bijodiżil ħafna drabi tiġi irħas milli kieku jinxtara mill-industrija tal-Unjoni anke jekk jitqies il-vantaġġ ta' taxxa. Dan jidher mill-fatt li l-importazzjonijiet Arġentini huma preżenti b'mod ċar fis-suq Franċiż.

(152) F'xi Stati Membri l-importazzjonijiet mill-Arġentina u mill-Indoneżja mhumiex preżenti, jew minħabba l-kundizzjonijiet tal-klima jew minħabba s-sistemi tal-kwoti. Madankollu l-importazzjonijiet mill-Arġentina u mill-Indoneżja huma preżenti fis-suq fil-biċċa l-kbira tal-Unjoni, jew minħabba n-nuqqas ta' sistema tal-kwoti jew minħabba li l-prezz huwa irħas minn kwalunkwe vantaġġ ta' taxxa li Stat Membru jista' jagħti.

(153) Minħabba li meta l-PME u l-SME jitħalltu mal-RME manifatturat fl-Unjoni jew ma' xi bijodiżil ieħor, jistgħu jinbiegħu madwar l-Unjoni, u li l-importazzjonijiet huma preżenti fi kwantitajiet kbar u waqqgħu l-prezzijiet anke fi Stati Membri b'sistemi ta' vantaġġi ta' taxxa fis-seħħ, dan l-argument proviżorjament huwa miċħud għaliex is-sistemi tal-kwoti eżistenti u r-reġimi ta' taxxa mhumiex kapaċi jiksru r-rabta kawżali bejn il-ħsara u l-effett tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping.

4. **Konklużjoni fuq il-kawżalità**

(154) L-analiżi ta' hawn fuq uriet li kien hemm żieda sostanzjali fil-volum u fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping bi prezz baxx li joriġinaw fil-pajjiżi kkonċernati. Fl-istess ħin instab li dawn l-importazzjonijiet kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-PI.

(155) Id-dejta turi li kif jiżdied il-volum tal-importazzjonijiet bi prezz baxx mill-pajjiżi kkonċernati, il-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni tiddeterjora b'mod sinifikanti.

(156) L-analiżi ta' hawn fuq b'mod xieraq iddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi magħrufa kollha dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping. Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, il-konklużjoni proviżorja hija li l-importazzjonijiet ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kkawżaw ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

(157) Il-fatturi magħrufa, apparti l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping, ġew evalwati kif jitlob l-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, u ma nstabet l-ebda evidenza li kisru r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet ta' dumping u l-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

F. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

(158) B'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk, minkejja l-konklużjoni ta' dumping dannuż, jeżistux raġunijiet kostrinġenti li jwasslu għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li jiġu adottati miżuri f'dan il-każ partikolari. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq evalwazzjoni tal-interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi, tal-fornituri tal-materja prima u tal-utenti.

1. **L-interess tal-industrija tal-Unjoni**

(159) Kif issemma hawn fuq, l-industrija tal-Unjoni ġarrbet ħsara materjali kkawżata mill-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati. In-nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri aktarx li jwassal għal tkomplija tat-tendenza negattiva tal-qagħda finanzjarja fl-industrija tal-Unjoni. Il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni kienet partikolarment immarkata bi tnaqqis fil-profittabilità minn +3 % fl-2009 għal 2,5 % sa tmiem il-PI. Iktar tnaqqis fil-prestazzjoni fl-aħħar mill-aħħar iwassal għal twaqqif tal-produzzjoni u l-għeluq ta' aktar siti tal-produzzjoni, li jservu ta' theddida għall-impjiegi u għall-investimenti fl-Unjoni.

(160) L-impożizzjoni ta' miżuri għandha treġġa' lura l-kompetizzjoni ġusta fis-suq. It-tendenza 'l isfel fil-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni hija r-riżultat tad-diffikultà tagħha li tikkompeti mal-importazzjonijiet bi prezz baxx li kienu l-oġġett ta' dumping li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati, fatt dovut ukoll għar-reġim ta' taxxa tal-esportazzjoni fiż-żewġ pajjiżi li jbaxxi l-prezz tal-importazzjonijiet tal-SME u tal-PME fis-suq tal-Unjoni, waqt li jgħolli l-prezz tal-materja prima. L-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping għandha għalhekk tqiegħed lill-industrija tal-Unjoni f'pożizzjoni li ttejjeb il-profittabilità tagħha lejn il-livelli meqjusa neċessarji għal din l-industrija ta' kapital intensiv.

(161) Il-miżuri għandhom jagħtu l-opportunità lill-industrija tal-Unjoni li tibda tirkupra mid-dumping dannuż li nstab matul l-investigazzjoni.

2. **L-interess ta' importaturi/kummerċjanti indipendenti fl-Unjoni**

(162) Importaturi/kummerċjanti indipendenti fl-Unjoni kienu mistiedna jippreżentaw ruħhom lill-Kummissjoni. Madankollu l-ebda importatur ma kkoopera f'din l-investigazzjoni.

(163) Fin-nuqqas ta' dejta minn importaturi jew kummerċjanti indipendenti, ma kien hemm l-ebda evidenza li l-impożizzjoni ta' miżuri tkun tmur b'mod ċar kontra l-interessi ta' dawn il-partijiet.

3. **L-interess tal-utenti u tal-konsumaturi**

(164) Il-kumpaniji utenti magħrufa kollha involuti fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni tad-diżil minerali, u involuti wkoll fit-taħlit obbligatorju tad-diżil minerali mal-bijodiżil intbagħtulhom kwestjonarji malli bdiet l-investigazzjoni.

(165) Tliet utenti tal-bijodiżili wieġbu għall-kwestjonarju tal-utenti imma ddikjaraw li l-bijodiżil kien biss parti żgħira ħafna mill-attività kummerċjali ġenerali tagħhom. Huma ddikjaraw li, billi jkunu obbligati legalment li jixtru l-bijodiżil u bħal qabel, jekk xi dazju jgħolli l-prezz tal-bijodiżil, dan jgħaddi awtomatikament għand il-klijenti tagħhom.

(166) Minħabba l-ammont limitat ta' informazzjoni disponibbli, l-impożizzjoni ta' miżuri għandu jkollha effett estremament limitat fuq il-konsumatur finali, meta jitqies il-perċentwal żgħir ta' bijodiżil li jitħallat mad-diżil minerali li jinxtara mill-pompi tal-petrol. Ma nstabet l-ebda evidenza li l-impożizzjoni ta' miżuri tkun tmur b'mod ċar kontra l-interess tal-utenti jew tal-konsumaturi.

4. **L-interess tal-fornituri tal-materja prima**

(167) Assoċjazzjoni waħda ta' fornituri tal-materja prima, il-FEDIOL (il-federazzjoni li tirrappreżenta l-Industrija Ewropea taż-Żejt Veġetali u l-Proteinmeal), wieġbet il-kwestjonarju li ntbagħat lill-fornituri tal-materja prima. Hija ddikjarat li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati naqqsu d-domanda għaż-żejt tal-kolza madwar l-Unjoni, fejn id-domanda naqset b'iżjed minn miljun tunnellata bejn l-2009 u l-2011.

(168) Hija tqis li l-impożizzjoni ta' miżuri se jkollha effett pożittiv fuq l-industrija tal-fornituri fl-UE għaliex se tiżdied l-użu tal-kapaċità. Kwalunkwe żieda fid-domanda għaż-żejt tal-kolza mbagħad se tasal għand is-settur tal-għalf kompost – billi dan huwa r-residwu mill-produzzjoni taż-żejt tal-kolza, u għand is-settur agrikolu fl-UE bħala l-produttur tal-kolza.

(169) L-evidenza riċevuta għaldaqstant turi li l-impożizzjoni ta' miżuri tkun tiffavorixxi l-interessi tal-fornituri tal-materja prima fl-Unjoni.

5. **Konklużjoni fuq l-interess tal-Unjoni**

(170) L-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġina mill-Arġentina u mill-Indoneżja tkun b'mod ċar fl-interess tal-industrija tal-Unjoni. Hija tkun tippermetti lill-industrija tal-Unjoni li tikber u tibda tirkupra mill-ħsara kkawżata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Madankollu jekk ma jiġu imposti l-ebda miżuri, il-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni tkompli tiddeterjora u aktar operaturi jispiċċaw ifallu. Għalkemm ma setgħet tintlaħaq l-ebda konklużjoni ċara rigward l-utenti u l-importaturi, l-impożizzjoni ta' miżuri għandha tkun fl-interess tal-fornituri tal-materja prima.

(171) Ma teżisti l-ebda raġuni kostrinġenti li tindika biċ-ċar li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u mill-Indoneżja, tmur kontra l-interess tal-Unjoni.

G. **MIŻURI ANTI-DUMPING PROVIŻORJI**

(172) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa rigward id-dumping, il-ħsara, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, għandhom jiġu imposti miżuri anti-dumping proviżorji biex ma jħallux li ssir aktar ħsara lill-industrija tal-Unjoni bl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

1. **Il-livell tal-eliminazzjoni ta' ħsara**

(173) Bil-għan li jiġi ddeterminat il-livell ta' dawn il-miżuri, ġew ikkunsidrati l-marġnijiet ta' dumping li nstabu u l-ammont ta' dazju meħtieġ biex, mingħajr ma jinqabżu, tiġi eliminata l-ħsara mġarrba mill-produtturi tal-Unjoni.

(174) Waqt il-kalkolu tal-ammont ta' dazju meħtieġ biex jitneħħew l-effetti tad-dumping dannuż, ġie kkunsidrat li kwalunke miżuri għandhom jippermettu lill-industrija tal-Unjoni li tkopri l-kosti tal-produzzjoni u li tagħmel profitt qabel it-taxxa li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, jiġifieri fl-assenza ta' importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping.

(175) Għal dan il-għan, marġni ta' profitt ta' 15% fuq il-fatturat jista' jitqies bħala livell xieraq li l-industrija tal-Unjoni setgħet tistenna li tikseb fl-assenza tad-dumping dannuż ibbażat fuq is-sejbiet tal-investigazzjoni preċedenti li tikkonċerna l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerika, fejn kien tqies raġonevoli biex jiggarantixxi l-investiment produttiv għal din l-industrija fuq tul ta' żmien.

(176) Fuq din il-bażi, ġie kkalkulat prezz għall-prodott simili li ma jkunx ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni. Il-prezz li ma jkunx ta' ħsara nkiseb bl-aġġustament tal-prezz tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun bil-qligħ/telf attwali magħmul matul il-PI u biż-żieda tal-marġni ta' qligħ imsemmi hawn fuq.

(177) Iż-żieda neċessarja fil-prezz ġiet imbagħad iddeterminata fuq il-bażi ta' tqabbil bejn il-prezz medju peżat tal-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi fil-kampjun fil-pajjiżi kkonċernati, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, u l-prezz mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-PI. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil kienet imbagħad imfissra bħala perċentwal tal-valur totali CIF tal-importazzjoni.

2. **Il-miżuri proviżorji**

(178) B'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, għandhom jiġu imposti dazji anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u mill-Indoneżja skont ir-regola dwar id-dazju iżjed baxx, jiġifieri dak li miż-żewġ marġnijiet ikkalkulati jkun iżjed baxx, jew tad-dumping jew tal-ħsara.

(179) Ir-rati tad-dazju anti-dumping ġew stabbiliti bit-tqabbil tal-marġni tal-eliminazzjoni tal-ħsara mal-marġni tad-dumping. Għalhekk, ir-rati tad-dazju anti-dumping proviżorju, espressi fuq il-prezz CIF fuq il-fruntieri tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, huma kif ġej:

| Pajjiż | Kumpanija | Marġni proviżorju tad-dumping | Marġni proviżorju tal-ħsara | Rata tad-dazju anti-dumping proviżorju |
|---|---|---|---|---|
| L-Arġentina | Aceitera General Deheza S.A., General Deheza, Rosario | 10,6 % | 27,8 % | 10,6 % |
| | Bunge Argentina S.A., Buenos Aires | 10,6 % | 27,8 % | 10,6 % |

| Pajjiż | Kumpanija | Marġni proviżorju tad-dumping | Marġni proviżorju tal-ħsara | Rata tad-dazju anti-dumping proviżorju |
|---|---|---|---|---|
| | Louis Dreyfus Commodities S.A., Buenos Aires | 7,2 % | 30,9 % | 7,2 % |
| | Molinos Río de la Plata S.A., Buenos Aires | 6,8 % | 31,8 % | 6,8 % |
| | Oleaginosa Moreno Hermanos S.A.F.I.C.I. y A., Bahia Blanca | 6,8 % | 31,8 % | 6,8 % |
| | Vicentin S.A.I.C., Avellaneda | 6,8 % | 31,8 % | 6,8 % |
| | Kumpaniji oħra li kkooperaw | 7,9 % | 31 % | 7,9 % |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | 10,6 % | 31,8 % | 10,6 % |
| L-Indoneżja | PT. Ciliandra Perkasa, Ġakarta | 0,0 % | | 0,0 % |
| | PT. Musim Mas, Medan | 2,8 % | 23,3 % | 2,8 % |
| | PT. Pelita Agung Agrindustri, Medan | 5,3 % | 27,1 % | 5,3 % |
| | PT Wilmar Bioenergi Indonesia, Medan | 9,6 % | 26,4 % | 9,6 % |
| | PT Wilmar Nabati Indonesia, Medan | 9,6 % | 26,4 % | 9,6 % |
| | Kumpaniji oħra li kkooperaw | 6,5 % | 25,3 % | 6,5 % |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | 9,6 % | 27,1 % | 9,6 % |

(180) Madankollu, billi d-dazju anti-dumping se jkun japplika wkoll għal taħlitiet li jinkludu l-bijodiżil (b'mod proporzjonat għall-kontenut ta' bijodiżil li jkollhom, skont il-piż), kif ukoll għall-bijodiżil pur, ikun aktar preċiż, u aktar xieraq għall-implimentazzjoni korretta tad-dazju mill-awtoritajiet Doganali tal-Istati Membri, li d-dazju jiġi espress bħala ammont fiss f'Euro għal kull tunnellata netta u hekk jiġi applikat għall-bijodiżil pur importat, jew għall-proporzjon ta' bijodiżil fil-prodott imħallat.

(181) Ir-rati tad-dazju anti-dumping ta' kumpanija individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet tal-investigazzjoni preżenti. Għalhekk dawn jirriflettu l-qagħda li nstabet waqt din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati tad-dazju (kuntrarju għad-dazju fil-pajjiż kollu applikabbli għall-'kumpaniji l-oħra kollha') huma b'hekk esklussivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati u manifatturat mill-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. Il-prodott importat ikkonċernat manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-'kumpaniji l-oħra kollha'.

(182) Kwalunkwe pretensjoni li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping ta' kumpanija individwali (eż. wara bidla fl-isem tal-entità jew wara l-istabbiliment ta' entitatjiet ġodda tal-produzzjoni jew tal-bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni [1] flimkien mal-informazzjoni relevanti kollha, b'mod partikolari kwalunkwe bidla fl-attivitajiet tal-kumpanija marbutin mal-produzzjoni, mal-bejgħ domestiku u ma' dak għall-esportazzjoni, assoċjata, pereżempju, ma' dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni jew tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament għandu jiġi emendat kif xieraq bl-aġġornament tal-listi tal-kumpaniji li jkunu qegħdin jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali.

(183) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati soġġetti għal reġistrazzjoni bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 79/2013 tat-28 ta' Jannar 2013. Dan sar fid-dawl tal-possibbiltà tal-applikazzjoni retroattiva tal-miżuri anti-dumping, skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku. F'dan l-istadju tal-proċediment ma tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar il-possibbiltà tal-applikazzjoni retroattiva tal-miżuri anti-dumping.

## H. **DISPOŻIZZJONI FINALI**

(184) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-partijiet interessati li ppreżentaw ruħhom fil-limitu taż-żmien stipulat fin-notifika ta' bidu jistgħu jressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jitolbu seduta fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Is-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji magħmula għall-finijiet ta' dan ir-Regolament huma proviżorji u jistgħu jiġu kkunsidrati mill-ġdid għall-fini ta' kwalunkwe miżuri definittivi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Bil-preżenti qiegħed jiġi impost dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' esteri mono-alkiliċi ta' aċidi xaħmin u/jew ta' żejt tal-gass paraffiniku, miksuba minn sinteżi u/jew minn trattament

---

[1] Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat H, 1049 Brussell, il-Belġju.

idriku, ta’ oriġini mhux fossili, f’forma pura jew f’taħlita, li attwalment jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 1516 20 98 (Kodiċi TARIC 1516 20 98 21, 1516 20 98 29 u 1516 20 98 30), ex 1518 00 91 (Kodiċi TARIC 1518 00 91 21, 1518 00 91 29 u 1518 00 91 30), ex 1518 00 95 (Kodiċi TARIC 1518 00 95 10), ex 1518 00 99 (Kodiċi TARIC 1518 00 99 21, 1518 00 99 29 u 1518 00 99 30), ex 2710 19 43 (Kodiċi TARIC 2710 19 43 21, 2710 19 43 29 u 2710 19 43 30), ex 2710 19 46 (Kodiċi TARIC 2710 19 46 21, 2710 19 46 29 u 2710 19 46 30), ex 2710 19 47 (Kodiċi TARIC 2710 19 47 21, 2710 19 47 29 u 2710 19 47 30), 2710 20 11, 2710 20 15, 2710 20 17, ex 3824 90 97 (Kodiċi TARIC 3824 90 97 01, 3824 90 97 03 u 3824 90 97 04), 3826 00 10 u ex 3826 00 90 (Kodiċi TARIC 3826 00 90 11, 3826 00 90 19 u 3826 00 90 30), u li joriġinaw mill-Arġentina u mill-Indoneżja.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping proviżorju li huma applikabbli għall-prodott deskritt f’paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, huma kif ġej:

| Pajjiż | Kumpanija | Rata tad-dazju proviżorju Euro għal kull tunnellata netta | Kodiċi TARIC addizzjonali |
|---|---|---|---|
| L-Arġentina | Aceitera General Deheza S.A., General Deheza, Rosario; Bunge Argentina S.A., Buenos Aires | 104,92 | B782 |
| | Louis Dreyfus Commodities S.A., Buenos Aires | 69,16 | B783 |
| | Molinos Río de la Plata S.A., Buenos Aires; Oleaginosa Moreno Hermanos S.A.F.I.C.I. y A., Bahia Blanca; Vicentin S.A.I.C., Avellaneda | 65,24 | B784 |
| | Kumpaniji oħra li kkooperaw: Cargill S.A.C.I., Buenos Aires; Unitec Bio S.A., Buenos Aires; Viluco S.A., Tucuman | 75,97 | B785 |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | 104,92 | B999 |
| L-Indoneżja | PT Ciliandra Perkasa, Ġakarta | 0 | B786 |
| | PT Musim Mas, Medan | 24,99 | B787 |
| | PT Pelita Agung Agrindustri, Medan | 45,65 | B788 |
| | PT Wilmar Bioenergi Indonesia, Medan; PT Wilmar Nabati Indonesia, Medan | 83,84 | B789 |
| | Kumpaniji oħra li kkooperaw: PT Cermerlang Energi Perkasa, Ġakarta | 57,14 | B790 |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | 83,84 | B999 |

3. Id-dazju anti-dumping fuq it-taħlitiet ikun applikabbli bi proporzjon fit-taħlita, skont il-piż, tal-kontenut totali tal-esteri monoalkiliċi ta’ aċidi xaħmin u taż-żejt tal-gass paraffiniku, miksuba minn sinteżi u/jew minn trattament idriku, ta’ oriġini mhux fossili (kontenut tal-bijodiżil).

4. F’każijiet fejn il-prodotti jġarrbu ħsara qabel ma jkunu tqiegħdu għaċ-ċirkolazzjoni libera u, għalhekk, il-prezz imħallas realment jew li jkun irid jitħallas ikun allokat għad-determinazzjoni tal-valur doganali skont l-Artikolu 145 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 [1] l-ammont ta’ dazju anti-dumping, ikkalkulat fuq l-ammonti stipulati hawn fuq, jitnaqqas b’perċentwali li jikkorrespondi mal-allokazzjoni tal-prezz imħallas realment jew li jkun irid jitħallas.

5. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 ikun soġġett għall-provvista ta’ titolu ekwivalenti għall-ammont tad-dazju proviżorju.

[1] Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta’ Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (GU L 253, 11.10.1993, p. 1).

6. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali għandhom japplikaw.

*Artikolu 2*

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu talba għall-iżvelar tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament, jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u japplikaw biex jinstemgħu verbalment mill-Kummissjoni fi żmien xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, il-partijiet ikkonċernati jistgħu jikkummentaw fuq l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien xahar mid-data tad-dħul tiegħu fis-seħħ.

*Artikolu 3*

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati li ma jkomplux bir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita skont l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 79/2013.

2. Id-dejta miġbura fir-rigward ta' prodotti li jkunu ddaħħlu għall-konsum mhux iktar minn 90 jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament se tinżamm sakemm jiddaħħlu fis-seħħ miżuri definittivi possibbli, jew sakemm jintemm dan il-proċediment.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

L-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO